

REGOLAMENT (UE) Nru 1339/2011 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-13 ta' Diċembru 2011

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1905/2006 li jstabilixxi strument ta' finanzjament għall-koperazzjoni għall-iżvilupp

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod speċjali l-Artikolu 209(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja, fid-dawl tat-test konġunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fil-31 ta' Ottubru 2011 ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Sabiex jitjiebu l-effiċjenza u t-trasparenza tal-ġhajjnuna esterna tal-Komunità, fl-2006 ġie stabbilit qafas ġdid li jsostni l-ippjanar u l-provvista ta' attivitajiet ta' ġhajjnuna. Dan jinkludi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jstabilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) ⁽²⁾, ir-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li jstabilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija ⁽³⁾, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1934/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 li jstabilixxi strument ta' finanzjament għall-koperazzjoni ma' pajjiżi u territorji industrijalizzati u oħrajn bi dħul għoli ⁽⁴⁾, ir-Regolament (KE) Nru 1717/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li jstabilixxi Strument għall-Istabbiltà ⁽⁵⁾, ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 300/2007 tad-19 ta' Frar 2007 li jstabilixxi Strument għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari ⁽⁶⁾, ir-Regolament (KE) Nru 1889/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006

dwar l-istabiliment ta' strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja ⁽⁷⁾, u r-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁸⁾.

- (2) Fl-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 ħarġu xi inkonsistenzi fir-rigward tal-eċċezzjonijiet għall-prinċipju tan-nuqqas ta' eliġibbiltà tal-ispejjeż relatati ma' taxxi, dazji u ħlasijiet oħrajn. Fid-dawl ta' dan, hu propost li jiġu emendati d-dispożizzjonijiet relevanti ta' dak ir-Regolament sabiex ikun konformi mal-istrumenti l-oħrajn.
- (3) Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu dawk l-għanijiet, skont l-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.
- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 għandu għaldaqstant ikun emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 25(2) tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Fil-prinċipju, l-ġhajjnuna tal-Unjoni m'għandhiex tintuża għall-ħlas ta' taxxi, dazji jew ħlasijiet fil-pajjiżi benefiċjarji."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, it-13 ta' Diċembru 2011.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

J. BUZEK

Għall-Kunsill

Il-President

M. SZPUNAR

⁽¹⁾ Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Ottubru 2010 (għadha mhix ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u l-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tal-10 ta' Diċembru 2010 (ĠU C 7 E, 12.1.2011, p. 11). Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Frar 2011 (għadha mhix ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Ir-Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2011 (għadha mhix ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2011.

⁽²⁾ ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82.

⁽³⁾ ĠU L 310, 9.11.2006, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 405, 30.12.2006, p. 41.

⁽⁵⁾ ĠU L 327, 24.11.2006, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 81, 22.3.2007, p. 1.

⁽⁷⁾ ĠU L 386, 29.12.2006, p. 1.

⁽⁸⁾ ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41.

DIKJARAZZJONI MILL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL DWAR L-UŻU TAL-ATTI DELEGATI FIL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI (MFF) FUTUR GĦALL-2014–2020

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jieħdu nota tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Baġit għall-Ewropa 2020 (COM (2011) 500 ⁽¹⁾), b'mod partikolari fir-rigward tal-użu propost tal-atti delegati fl-istrumenti futuri ta' finanzjament estern u jistennew il-proposti leġiżlattivi, li għandhom ikunu debitament ikkunsidrati. Il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha:

⁽¹⁾ Baġit għall-Ewropa 2020, (COM(2011) 500), tiddikjara li:

"Barra minn hekk, il-bażijiet legali futuri għall-istrumenti differenti se jipproponu l-użu estensiv ta' atti delegati biex jippermettu li jkun hemm aktar flessibbiltà fil-ġestjoni tal-politiki matul il-perjodu ta' finanzjament, filwaqt li jiġu rrispettati l-prerogattivi taż-żewġ fergħat tal-leġiżlatur."

u

'Qiegħed jitqies biex jiżdied l-iskrutinju demokratiku tal-ġhajnuna esterna. Dan jista' jinkiseb bl-użu ta' atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għal ċerti aspetti tal-programm, mhux biss jitpoġġew il-koleġiżlaturi fuq livell ekwu iżda tiġi ggarantita wkoll aktar flessibbiltà fl-ipprogrammar. Għall-FEŻ, qiegħed jiġi propost li l-iskrutinju jinġab fuq l-istess livell mad-DCI, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifitajiet ta' dan l-istrument.'